**Animazzjoni għall-Quddies tal-Ħadd**

Il-Ħadd 11 ta' Novembru 2018

Is-XXXII Ħadd ta' Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**

Illum il-Knisja qed tiċċelebra t-tnejn u tletin Ħadd ta' Matul is-Sena. Il-liturġija tal-lum tistedinna sabiex fl-għemejjel tagħna nkunu ġenerużi u nuru fihom l-qalb tagħna.

Nagħtu bidu għal dan is-sagrifiċċju tal-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Liturġija tal-Kelma**

Fil-qari tal-lum, Alla jurina li għandna nwarrbu l-egoiżmu tagħna u nħallu jikber fina sens ta' għotja. L-importanti mhux kemm nagħtu imma d-dispożizzjoni tal-qalb, u l-intenzjoni tagħna fit-tajjeb li nagħmlu.

Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

Għas-Salm Responsorjali: *Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej!*

**Offertorju**

Fi spirtu ta' għotja u ġenerożità ejjew noffru lill-Mulej dan il-ħobż u l-inbid biex isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li jingħata għas-salvazzjoni tad-dinja.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti lejn l-altar, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-Mulej ma jagħtinhiex dak li għandu imma jagħtina dak li hu. Fi spirtu ta' ġabra ejjew nersqu għat-tqarbin filwaqt li nkantaw flimkien.